**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia[1])**

**vs**

**Nicholas Dimech**

**Kumpilazzjoni numru 905/2010**

**Illum 5 ta' Lulju, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nicholas Dimech** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 301779 (M) billi huwa akkuzat talli f'Ta' Sliema, fis-7 ta' Settembru 2009, jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, fil-kapacita` tieghu ta' ufficcjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

[1] Ma kinitx l-ufficcjal li investigat il-kaz u li mexxiet il-prosekuzzjoni originarjament.

Kif ukoll talli fit-22 ta' Awwissu 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 1 ta' Awwissu 2011 (esebita a fol. 311 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 18, 115(a) u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 18 u 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Fl-artikoli 10, 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2011 (*a fol.* 318), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-1 ta' Awwissu 2011, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Illi l-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju 2015 annullat is-sentenza li kienet inghatat mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta nhar it-3 ta'

Dicembru 2012 u ddecidiet illi din il-kawza kellha terga' tintbaghat fil-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex ikun hemm sentenza dwar kull imputazzjoni u sabiex l-imputat ma jkunx privat mid-dritt tieghu tad-'doppio esame'.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti wara li l-Qorti li originarjament semghet u ddecidiet il-kaz astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kaz kif normalment isir meta kaz jintbaghat lura mill-Qorti tal-Appell.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-kaz ghall-ewwel darba nhar is-7 ta' Ottubru 2016.

Il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti milli terga' tisma' l-provi mill-gdid hlief li l-imputat ried li jixhed f'dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Nhar is-26 ta' Gunju 2017 il-partijiet inghataw ic-cans li jipprezentaw sottomissjonijiet bil-miktub, fejn il-Prosekuzzjoni strahet fuq il-provi u ma prezentatx nota ta' sottomissjonijiet bid-difiza tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet nhar it-2 ta' Marzu 2018 wara li kienet inghatat estensjoni ta' zmien mill-Qorti biex tkun tista' taghmel dan.

**Dikjarazzjoni tal-Qorti**

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** moghtija fit-30 ta' Lulju 2009 fejn intqal:

> **"Hu appena necessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza <u>u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process</u>".**

Il-Qorti meta giet assenjata dan il-kaz kienet ghamlet din id-dikjarazzjoni u l-partijiet Prosekuzzjoni u Difiza urew il-fiducja taghhom fil-Qorti biex tiddeciedi l-kaz.

Il-Qorti hasset li kellha taghmel din id-dikjarazzjoni ghaliex fil-perjodu li kien investigat dan il-kaz il-Qorti kienet opinjonista fuq il-mezzi tax-xandir u kienet ikkummentat dwar dan il-kaz u dak li kien ghaddej minnu l-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema. L-istess Qorti fil-kapacita' taghha ta' avukat li specjalizza fuq il-Kunsilli Lokali u li kienet tippresta servizzi lill-Monitoring Unit tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kienet ukoll hejjiet il-*legal notice* li wasslet ghax-xoljiment tal-Kunsill.

**Il-hsara li l-korruzzjoni taghmel fis-socjeta'**

Il-Qorti taghmel dawn id-dikjarazzjonijiet taghha dwar il-hsara li t-tixhim u l-korruzzjoni jaghmlu fis-socjeta':

*Corruption is an insidious plague that has a wide range of corrosive effects on society. It undermines democracy and the rule of law, leads to violations of human rights, distorts markets, erodes the quality of life and allows organised crime, terrorism and other threats to human society to flourish.*[2]

*Corruption is a cancer: a cancer that eats away at a citizen's faith in democracy, diminishes the instinct for innovation and creativity; already-tight national budgets, crowding out important national investments. It wastes the talent of entire generations. It scares away investments and jobs.*[3]

*Il-korruzzjoni f'kull aspett tal-attività umana, bħal fl-oqsma tal-impiegi, tal-edukazzjoni, tal-kummerċ, tal-ġustizzja, tal-isport, fl-għoti tal-promozzjonijiet, mhux biss hija mezz pulit biex wieħed jisraq, imma tista' tkun ukoll arma omiċidjali, għaliex l-inġustizzja tista' tkun tant gravi li hemm min jibqa' taħtha. Meta xi ħadd jikseb bid-dnewwa xi ħaġa li mhix tiegħu, dan ifisser li jkun qiegħed jaħtafha minn idejn ħaddieħor li tkun tmissu bi dritt. Għaldaqstant, min bla kuxjenza jinżel fil-ħama tal-korruzzjoni, mhux biss ikun jistagħna inġustament, imma jkun jirkeb fuq dahar ħaddieħor.*

[2] R v Dougall [2010] EWCA Crim 1048 2011 Cr App R (S) 37
[3] Joe Biden

*Sakemm ma tkunx storduta, il-kuxjenza suppost tgħidilna li min iwettaq xi reat minn dawn it-tlieta (evażjoni tat-taxxa, abbużi mis-servizzi soċjali u korruzzjoni) jibqagħlu d-dmir li jrodd lura dak li jkun kiseb bil-qerq. Hija tassew ħasra li llum ftit għadna nisimgħu li min jisraq għandu dmir li jrodd lura dak li jkun seraq! Il-ġerħa li reat ta' din ix-xorta jikkawża kemm lill-fqir u kemm lis-soċjetà, tibqa' tgħajjat għall-ġustizzja anki jekk min ikun responsabbli tar-reat jirnexxielu jaqbeż 'il barra mill-miżien tal-Qrati.*[4]

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu tletin (30) xhud kif gej:

Spettur Angelo Gafa' (*a fol* 37 et. seq.); Spettur Angelo Gafa' (*a fol* 89 et. seq.); Stephen Buhagiar (*a fol* 91 et. seq.); Daniel Micallef (*a fol* 101 et. seq.); PS474 Norbert Said (*a fol* 109 et. seq.); Onor. Dr. Chris Said (*a fol* 205 et. seq.); Dr. Paul Borg Olivier (*a fol* 207 et. seq.); Rita Schembri (*a fol* 209 et. seq.); PS474 Norbert Said (*a fol* 211 et. seq.); PS318 Francis Rogers (*a fol* 213 et. seq.); Martin Bugelli (*a fol* 216 et. seq.); Svetlana Curmi (*a fol* 219 et. seq.); Althea Borg (*a fol* 233 et. seq.); Martin Micallef (*a fol* 236 et. seq.); Stephen Buhagiar (*a fol* 239 et. seq.); Margaret De Battista (*a fol* 243 et. seq.); Supretendent Paul Vassallo (*a fol* 245 et. seq.); PS128 Joseph Farrugia (*a fol* 247 et. seq.); PS500 John Giusti (*a fol* 252 et. seq.); Josef Grech (*a fol* 255 et. seq.); Assistent Kummissarju Michael Cassar (*a fol* 263 et. seq.); Valentina Rea (*a fol* 265 et. seq.); Richard Hall (*a fol* 295 et. seq.);

---

[4] E.T. Mario Grech, Isqof ta' Ghawdex, **NIĠĠIELDU L-FAQAR**, il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju 2014, Victoria, Ghawdex

Spettur Jesmond J. Borg (*a fol* 306 et. seq.); Spettur Victor Aquilina (*a fol* 308 et. seq.); Spettur Angelo Gafa' (*a fol* 319 et. seq.); Stephen Buhagiar (*a fol* 336 et. seq.); Sandra Camilleri (*a fol* 350 et. seq.); Stephen Buhagiar (*a fol* 353 et. seq.); Nicholas sive Nikki Dimech (*a fol* 513 et. seq.);

**Il-fatti specie tal-kaz**

L-imputat kien is-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema u fil-fatt l-akkuzi diretti kontra l-imputat jirreferu ghal dan il-perjodu meta kien qed jokkupa din il-kariga.

Dan il-kaz ra l-bidu tieghu hekk kif certu Stephen Buhagiar irraporta lill-awtoritajiet kompetenti li l-imputat kien talbu senserija fuq kuntratt ta' servizzi li l-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema kien hareg biex jinghata b'sejha pubblika.

Stephen Buhagiar issottometta offerta u l-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema, f'laqgha tas-7 ta' Settembru, 2009, wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, ghazel l-offerta ta' Buhagiar peress li din kienet l-aktar wahda ekonomikament vantaggjuza, bir-riserva illi l-ewwel sitt xhur ikunu bi prova, fis-sens illi l-Kunsill irriserva d-dritt li jaghmel evalwazzjoni ta' kif ikun qed jippresta s-servizzi tieghu il-kuntrattur, a bazi ta' din l-evalwazzjoni jwaqqaf jew igedded l-inkarigu.

Waqt il-laqgha tal-Kunsill tas-17 ta' Marzu, 2010 il-maggioranza tal-kunsilliera qalu li ma kinux sodisfatti bix-xoghol li kien qed iwettaq Stephen Buhagiar u permezz ta' vot iddeciedew illi jitterminaw il-kuntratt ta' Buhagiar u minflok jaghtu l-istess kuntratt lil terz li kien gie t-tieni fil-process tal-ghazla.

F'dan il-mument Buhagiar ghazel illi jirrapporta lill-Awtoritajiet, illi qabel ma kien inghata l-kuntratt originali, l-imputat kien talbu persentagg f'senserija.

Wara dan, il-kaz beda jigi investigat mill-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' li pproceda biex jarresta lill-imputat u jehodlu stqarrija fil-11 t'Awwissu, 2010 fin-12:58.

L-Ispettur Gafa rega' ha stqarrija ohra tal-imputat dakinhar stess fil-15:55;

Fil-31 ta' Awwissu, 2010 l-imputat rega' gie arrestat u irrilaxxa stqarrija ohra fl-16:50 u ftit wara rega' irrilaxxa stqarrija ohra fl-18:35.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

### Livell ta' prova

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt.*

*Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

Din il-Qorti ma semgħetx il-provi mill-ġdid ghax kienet ezentata mill-Prosekuzzjoni u d-difiza hlief li l-imputat ta x-xhieda f'dawn il-proceduri liema xhieda ma kienx ta fil-proceduri precedenti, liema sentenza kienet annullata mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri u għalhekk il-Qorti kellha l-oportunita` tosserva l-komportament tieghu waqt li ta x-xhieda quddiem din il-Qorti.

**<u>L-istqarrija tal-imputat</u>**

Illi wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-<u>prova regina</u> li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti qalet hekk:

> *"Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-<u>prova regina</u> w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".*

Illi meta jitkellem dwar il-konfessjoni, l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali (Kap.9) jiddisponi li kull haga li l-imputat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm , tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid, jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi .

Fil-kaz in ezami l-imputat qieghed jattakka l-istqarrija li huwa ghamel fejn jispjega b'mod dettaljat fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-atmosfera u l-attegjament li ntuza fil-konfront tieghu waqt il-hin kollu tal-interrogazzjoni.

Izda mill-provi prodotti ma tressqitx prova biex juri li din l-istqarrija ma saritx volontarjament jew b'xi theddid, jew biza jew li ttiehdet b'weghdiet jew twebbil ta' vantagg, **<u>hlief dak li qieghed jallega hu fix-xhieda li ta</u>**.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat[5] jipprovdi rakkont grafiku ta' dak li ghadda minnu fil-11 t'Awwissu, 2010.

L-imputat jixhed illi hekk kif dahal fl-ufficcju tal-ufficjal investigatur, dan laqghu u qallu: "*Dhalt u malli dhalt qalli : X'qed tidhaq int? Ghidtlu: Ghalxiex? Qalli: Int arrestat. Ghidtlu: Arrestat ghal xiex. Qalli: Mur ghidt lit-tfajla tieghek titlaq il-barra minn hawn*";

[5] a fol 513

Qal li l-Ispettur Gafa' kompla jghidlu *"Jew tirrizenja minn Sindku jew ha nfottilek il-karriera tieghek professjonali. Ghidtlu: Fuqhiex? Qalli: Fuqhiex ma tafx?"*.

L-imputat jghid illi minflok beda l-istatement tieghu, l-Ispettur hadu fil-conference room u kompla jheddu. L-imputat jghid illi Gafa' qallu:

> *"Jien ha naghmel show bik, ha nhallik tmienja u erbghin (48) siegha hawnhekk u ntellghek quddiem il-press kollu jekk ma tghidx dak li rrid jien. Kif rajt fil-kaz ta' Marsaxlokk Football Club waqqajthom fit-third division u jekk tghid dak li nghidlek jien jiena rresqhek quddiem il-Magistrat biex bhal Peter Harnshaw li kien Manager ta' Marsaxlokk tista' tmur quddiem il-Magistrat kif suppost, jekk trid, jekk dejjam nghid li jrid jisma hu, bazikament naghtik ic-citazzjoni kif ghamilt mas-Sindki ta' Bormla u ta' San Gwann meta nqabdet il-kwistjoni ta' l-iskart ukoll"*

L-imputat jghid illi l-Ispettur baqa' jwettaq atti ta' vjolenza psikologika:

> *"U jekk nista nghidlek il-keyboard kien ha jkissirha, ghax jien ovjament imbaghad ghidt il-verita, ghidt jien m'iniex ha nirrovina kollox. Imma ga hemmhekk Sur Magistrat kien beda jaghtini panic attack u asthma attack ghax jiena acute asthma ghandi ilni biha mindu kont zghir u minn ta' thirteen (13) gietni aghar. U jien minghalija li wara li ha naghtih il-verita hu beda jghidli: Qed tigdeb, qed tigdeb u minn kollox beda jghidli. U issa ha tpattiha ta' dan kollu u qed nghidlek il-keyboard kien ha jkissru ghax ma bediex jisma dak li li jien ghidtlu"*.

Huwa jghid illi tah *panic attack* u beda jaqta' nifsu kawza ta' asthma li prezumibbilment hija *stress induced asthma*.

L-imputat isostni li l-istqarrijiet tal-11 t'Awwissu, 2010 ittiehdu bi vjolenza kbira fuqu u kif gie rilaxxat wara t-tehid tal-ewwel zewg stqarrijiet huwa rcieva telefonata minghand l-Avukat Paul Borg Olivier:

> *"Xhud …soqt lejn id-dar, x'hin ghamilt il-battery ma' xulxin wara fifteen (15) minutes tidhol unknown call jien irrispondejtha ghax hsibthom il-pulizija u kien Pawlu Borg Olivier.*
>
> *Difiza: U x' qallek?*
>
> *Xhud: Pawlu Borg Olivier qalli: Hemmhekk x'mort tghid? Ghidtlu: Hemmhekk fejn? Qalli: Il-pozizzjoni tieghek. Ghidtlu: Ghalxiex qed tirreferi? Qalli: Ghall-istatement li mort tghid. Ghidtlu: Inti fejn taf x'mort nghid? Jien ghadni kemm hiereg minn hemmhekk siegha u nofs qabel inti taf x'mort nghid hemmhekk. Hu ma kienx in-number tieghu kien unknown ghax jiena n-number tieghu jiena l-ahhar persuna li naf fid-dinja li kont ha nkellem dak il-hin lilu. Qalli: Inti ghada trid tmur tirrezenja, il-pozizzjoni tieghek it's untenable, trid taghti r-rizenja tieghek u bla, bla, bla. Ghidltu: Mela inti taf l- istatement tieghi x'fih jew ma fiehx ghax inti qed tghid li rrid nirrezenja.*
>
> *Difiza: U x' qallek x' hin ghidtlu hekk?*

*Xhud:* *Qalli: Jiena bazikament qed nghidlek trid tmur ghand Jean Pierre Debono u tirrizenja u qatali f'wicci".*

Id-difiza tqajjem il-punt dwar min ghadda l-istqarrija tal-imputat lil Dr. Paul Borg Olivier, meta din kienet ghadha kemm tigi stampata mill-printer tal-Ispettur Gafa' u xi dritt kellu Dr. Borg Olivier li jkollu l-istqarrija tal-imputat f'idu, meta l-imputat kien ghadu lanqas biss tressaq il-Qorti.

Minn dakinhar li kien interrogat l-imputat sallum kellna zviluppi fil-gurisprudenza kemm dik Ewropea kif ukoll dik ta' Malta tant li l-ligi llum inbidlet u tippermetti l-avukat tal-ghazla tieghek ikun prezenti waqt l-interrogatorju. Kieku dan il-provvediment kien fis-sehh kieku ma kienx ikun hemm lok ghall-allegazzjonijiet li qieghed jaghmel l-imputat ghaliex prezenti kien ikun hemm l-avukat tal-ghazla tieghu.

**<u>Avukat mhux prezenti waqt stqarrija</u>**

Fil-kaz fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**, nhar id-9 ta' Mejju 2017, il-Qorti Kriminali ddecidiet hekk wara li kienet attakkata l-inammissibilta` tal-istqarrija rilaxxjata minnu nhar id-19 ta' Ottubru 2014 stante li ma kellux avukat prezenti mieghu meta huwa rrilaxxja din l-istqarrija:

*"Illi l-artikolu li hu rilevanti ghall-ezercizzju in ezami hu l-artikolu 355AUA li jaghti id-dritt ta' access ghal avukat fi proceduri kriminali. Illi t-tezi tar-rikorrenti hi semplici u lineari. Meta giet rilaxxata l-*

*istqarrija dik il-persuna ma kellhiex id-dritt tal-prezenza ta' l-avukat. Il-konkluzjoni allura hi li tali stqarrija ghandha tkun inammissibli.*

*Illi t-tezi tal-Avukat Generali hi daqstant lineari. Ir-rikorrenti gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu. Hu rrifjuta tali dritt, ma kkonsulta lil hadd u liberament u volontarjament irrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija.*

*Illi din il-Qorti tosserva li s-sentenza* ***Borg v. Malta*** *(hawn fuq citata) ma kinitx biss jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik is-sentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentenzi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk ir-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl-istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tippenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tar- rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxata mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati."*

L-istess ikkonkludiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella**, tas-27 ta'Gunju 2017, wara referenza kostituzzjonali li saret mill-Ewwel Qorti dwar dan il-punt. Dik il-Qorti ghamlet rassenja vasta u estensiva ta' gurisprudenza kemm lokali[6], kif ukoll tal-Qorti Ewropea[7], dwar id-dritt ta' persuna arrestata ghall-assistenza legali, u rreferiet ukoll ghas-segwenti:

---

[6] **Dominic Camilleri vs Avukat Generali**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Frar 2017 li fiha gew rapportati numru ta' sentenzi: Il-**Pulizija (Spt Victor Aquilina) vs Mark Lombardi** (referenza kostituzzjonali Nru 34/2009 li kienet saret fl-ambitu tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt Victor Aquilina) vs Mark Lombardi"); Il-**Pulizija (Supt. Norbert Ciappara) v. Esron Pullicino** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta` Frar 2010 u mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta` April 2011; Ir-**Repubblika ta` Malta vs Carmel Vella** deciza mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali fl-10 ta` Novembru 2011; Il-**Pulizija (Spt Norbert Ciappara) v. Renald Baldacchino** moghtija fit-30 ta` Gunju 2014 wara referenza li kienet saret mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali u l-appell deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta` Frar 2015; **Malcolm Said vs Avukat Generali et** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-14 ta` Jannar 2016 u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` Gunju 2016; **Gordi Felice vs Avukat Generali** deciza fil-31 ta` Ottubru 2016; u **Trevor Bonnici vs Avukat Generali** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta` Novembru 2016; Il-**Pulizija vs Joseph Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016; **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Mejju 2016; Il-**Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Ottubru 2016; Il-**Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar 2017; Ir-**Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**, deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju 2017.

[7] **Mario Borg vs Malta** tat-12 ta` Jannar 2016; sintesi ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mehuda mill-Factsheet tal-istess Qorti ta' Settembru 2016 taht it-titolu: Police arrest and assistance of a lawyer: **Pishchalnikov v. Russia** tal-24 ta' Settembru 2009; **Yeşilkaya v. Turkey** tat-8 ta' Dicembru 2009; **Boz v. Turkey** tad-9 ta' Frar 2010; **Brusco v. France** tal-14 ta' Ottubru 2010; **Nechiporuk and Yonkalo v. Ukraine** tal- 21 ta' April 2011; **Mader v. Croatia** tal-21 ta' Gunju 2011; **Bandaletov v. Ukraine** tal-31 ta' Ottubru 2013; **Pakshayev v. Russia** tat-13 ta' Marzu 2014; **Blaj v. Romania** tat-8 ta' April 2014; **Çąrkcı (no. 2) v. Turkey** tal-14 ta' Ottubru 2014; **A.T. v. Luxembourg** tad-9 ta' April 2015; **Turbylev v. Russia** tas-6 ta' Ottubru 2015; **Ibrahim and Others v. the United Kingdom** tat-13 ta' Settembru 2016 (Grand Chamber); **Simeonovi v. Bulgaria** tal-20 ta' Ottubru 2015; **Dayanan v. Turkey** tat-13 ta` Ottubru 2009 u **Dvorski v. Croatia** tal-20 ta` Ottubru 2015 (Grand Chamber).

"F`artikolu ppubblikat f`The New Journal of European Criminal Law, Vol. 7, Issue 4, 2016 intestat **The Rights of the Defence according to the ECtHR – An Illustration in the Light of A.T. v Luxembourg and the Right to Legal Assistance**, Vânia Costa Ramos tghid hekk :-

In respect of the contents of the right to legal assistance, after **Salduz** some states had alleged that while the right attached from the moment when the person was held in pre-trial or police custody and was subject to police interrogation, it did not imply that the lawyer had to be present during questioning.

The ECtHR stated otherwise in **Karabil v. Turkey** (Second Section judgment of 16.06.2009, application no. 5256/02), establishing that the suspect benefited from legal assistance during his questioning, which was underlined in **Navone and others v. Monaco** (First Section judgment of 24.10.2013, applications no. 62880/11, 62892/11 62899/11):

79. La Cour souligne à ce titre qu`elle a plusieurs fois précisé que l`assistance d`un avocat durant la garde à vue doit notamment s`entendre, au sens de l`Article 6 de la Convention, comme l`assistance "pendant les interrogatoires" (Karabil c. Turquie, no 5256/02, §44, 16 juin 2009, Ümit Aydin c. Turquie, no 33735/02, §47, 5 janvier 2010, et Boz, précité, §34), et ce dès le premier interrogatoire (Salduz, précité, §55, et Brusco, précité, §54).

80. Par ailleurs, elle a déjà jugé qu`une application systématique de dispositions légales pertinentes qui excluent la possibilité d`être assisté par un avocat pendant les interrogatoires suffit, en soi, à conclure à un manquement aux exigences de l`Article 6 de la Convention (voir, en premier lieu, Salduz, précité, §§56 et 61–62).

In **Dayanan v. Turkey** (Chamber judgment of 13.01.2009, application no. 7377/03) the Court went further in clarifying that the right attached from the moment the person was taken into custody and that the lawyer`s role in the pre-trial stage included not only assistance during the interrogation, but even extended to further areas:

32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see **Salduz**, cited above, §§37–44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person`s defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for

> questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."

Fil-kaz li kellha quddiemha l-Onorabbli Qorti, il-persuna arrestata ossia Aldo Pistella kien inghata d-dritt li jkellem lill-avukat tal-ghazla tieghu qabel irrilaxxja stqarrija lill-Ufficcjal Investigatur, izda ma kienx assistit minn avukat waqt it-tehid tal-istess stqarrija, stante li fiz-zmien in kwistjoni l-ligi Maltija ma kinitx taghti dan id-dritt lill-persuna suspettata jew arrestata. Dwar din il-kwistjoni, il-Qorti qalet hekk:

> "Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.
>
> Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.
>
> Dan qed jinghad meta tqis wkoll illi fl-Art 3 tad-Direttiva tal-UE Nru. 2013/48/EU li b`effett tal-Avviz Legali 102 tal-2017 saret parti mil-ligi taghna, jinghad hekk dwar id-dritt ta` access ghal avukat fi proceduri kriminali:-

1. Member States shall ensure that suspects and accused persons have the right of access to a lawyer in such time and in such a manner so as to allow the persons concerned to exercise their rights of defence practically and effectively.

2. Suspects or accused persons shall have access to a lawyer without undue delay. In any event, suspects or accused persons shall have access to a lawyer from whichever of the following points in time is the earliest:

(a) before they are questioned by the police or by another law enforcement or judicial authority;

(b) upon the carrying out by investigating or other competent authorities of an investigative or other evidence-gathering act in accordance with point (c) of paragraph 3;

(c) without undue delay after deprivation of liberty;

(d) where they have been summoned to appear before a court having jurisdiction in criminal matters, in due time before they appear before that court.

3. The right of access to a lawyer shall entail the following:

(a) Member States shall ensure that suspects or accused persons have the right to meet in private and communicate with the lawyer representing them, including prior to questioning by the police or by another law enforcement or judicial authority;

(b) Member States shall ensure that suspects or accused persons have the right for their lawyer to be present and participate

effectively when questioned. Such participation shall be in accordance with procedures under national law, provided that such procedures do not prejudice the effective exercise and essence of the right concerned. Where a lawyer participates during questioning, the fact that such participation has taken place shall be noted using the recording procedure in accordance with the law of the Member State concerned;

(c) Member States shall ensure that suspects or accused persons shall have, as a minimum, the right for their lawyer to attend the following investigative or evidence-gathering acts where those acts are provided for under national law and if the suspect or accused person is required or permitted to attend the act concerned:

(i) identity parades;

(ii) confrontations;

(iii) reconstructions of the scene of a crime.

4. Member States shall endeavour to make general information available to facilitate the obtaining of a lawyer by suspects or accused persons. Notwithstanding provisions of national law concerning the mandatory presence of a lawyer, Member States shall make the necessary arrangements to ensure that suspects or accused persons who are deprived of liberty are in a position to exercise effectively their right of access to a lawyer, unless they have waived that right in accordance with Article 9.

5. In exceptional circumstances and only at the pre-trial stage, Member States may temporarily derogate from the application of

point (c) of paragraph 2 where the geographical remoteness of a suspect or accused person makes it impossible to ensure the right of access to a lawyer without undue delay after deprivation of liberty.
6. In exceptional circumstances and only at the pre-trial stage, Member States may temporarily derogate from the application of the rights provided for in paragraph 3 to the extent justified in the light of the particular circumstances of the case, on the basis of one of the following compelling reasons: (a) where there is an urgent need to avert serious adverse consequences for the life, liberty or physical integrity of a person; (b) where immediate action by the investigating authorities is imperative to prevent substantial jeopardy to criminal proceedings.

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija sostnew li l-fatt li d-dritt li nghata lill-persuni li jkunu se jirrilaxxjaw stqarrija lill-pulizija ezekuttiva bl-Avviz Legali 102 tal-2017 li dahal fis-sehh fit-13 ta` April 2017 ma jfissirx li awtomatikament inkiser id-dritt fundamentali ta` kwalunkwe persuna li tkun irrilaxxjat stqarrija qabel it-13 ta` April 2017.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id-dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-

interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.

Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal-istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.

Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija tal- akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.

Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-kunsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet."

F'dak il-kaz, ghalhekk, il-Qorti ddecidiet illi l-fatt li l-akkuzat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux id-dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija jkun jikkostitwixxi ksur tal-jedd

ghal smigh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal- Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tieghu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Ezekuttiva tkun prova fil-kawza kontra tieghu.

Din ukoll kienet il-konkluzjoni raggunta mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru 2017, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**, fejn f'dak il-kaz, wahda mil-lanjanzi li tqajmet kienet proprju illi huwa ma nghatax id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju tieghu mill-pulizija. Dik il-Qorti rreferiet ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea **Panovits v. Cyprus** tal-11 ta' Dicembru 2008, fejn inghad hekk:

> *"...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."*

Irreferit ukoll l-istess Qorti ghal sentenza ohra tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Dayanan v. Turkey** tat-13 ta' Ottubru 2009, li wkoll saret referenza ghaliha mill-istess Qorti diversament preseduta, fis-sentenza fuq citata, fejn inghad hekk:

> *"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its caselaw,*

*an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*

Il-Qorti kompliet hekk:

"Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl- ismijiet **Brusco v. France** deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq il-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet **Navone and others v. Monaco** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il-Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kinitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni, kienet leziva tad-dritt ta' smigh xieraq:

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires: une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(...)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kinetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smigh xieraq konsiderat illi ma kinetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis** fejn intqal illi:

"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw id-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l- interrogatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."

Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il-garanzija u protezzjoni ta' smigh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita' li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi

> dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kien inghata l-possibilita' li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa insostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita' li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni.
>
> M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma nghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq."

Din il-Qorti tinnota illi ghalkemm is-sentenzi appena citati m'humiex finali u definittivi ghaliex ilkoll ghadhom fi stadju ta' appell, biss dawn jirrispekkjaw bosta decizjonijiet tal-Qorti Ewropea u l-linja li adottat din l-ahhar Qorti. **<u>Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha timxi fuq dawn il-linji gwida fid-decizjoni taghha dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fil-kaz odjern u konsegwentement, ser tiskarta tali stqarrijiet bhala prova inammissibbli u kwalunkwe referenza li ssir ghalihom mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.</u>**

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[8]

F'Decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[9] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm deskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkoreggux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif

---

[8] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

[9] Appell Kriminali Numru. 115/2006

xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**L-ewwel akkuza**

**Artikolu 115 tal-Kap 9 - Korruzzjoni.**

*115. Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Saverina sive Saverin Sinagra**[10] deciza fit-30 ta' Gunju 2010 fejn trattat l-elementi li jsawwru dan ir-reat:

1. in-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna ikkoncernata.
2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skond il-ligi.
3. li dana jkun in konnessjoni ma' l-istess kariga jew impieg.
4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.

Illi l-ewwel element essenzjali ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika tal-impjieg tal-persuna li qed tigi korrotta. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid hekk:

> *"The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government . . . It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed".*

[10] Magistrat Dr. Edwina Grima

Illi dwar din it-tifsira l-Artikolu 92 jghid hekk:

> "Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skont il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal-Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mill-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra".

Illi jinghad, illi ghalkemm fi zmien il-Profs Mamo, il-Kunsilli Lokali kienu ghadhom ma jezistux, hareg car u gie ppruvat f'dawn il-proceduri illi Nicholas Dimech kien effettivament ufficcjal pubbliku meta kien jokkupa l-kariga ta' Sindku ta' tas-Sliema.

Hawnhekk insibu l-element tal-uffiċċjal pubbliku jew impjegat fil-pubbliku kif effettivament kien l-imputat. Naraw ukoll li hu jrid ikun jew talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor rigal, wegħda jew offerta ta' xi rigal fost oħrajn u dan in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu. **<u>Fil-każ in kwistjoni qieghed ikun ikkontestat li talab commission minghand ix-xhud principali jekk jiehu t-tender.</u>** Evidentement ukoll il-prova trid tkun li jekk intalbet din il-commission kienet in konnessjoni mal-kariga tieghu. Dawn l-elementi huma marbuta mal-kontenut tal-paragrafu (a) ta' din id-disposizzjoni li jindikaw l-iskop ta' dan ir-rigal anki jekk sempliċiment mitlub u ċioe, li hu jagħmel xi ħaġa li huwa fid-dmir tiegħu li jagħmel, f'dan il-każ, bhala Sindku.

Il-Qorti ezaminat ix-xhieda ta' Stephen Buhagiar li huwa x-xhud ewlieni f'dawn il-proceduri. Illi minn din ix-xhieda huwa jispjega illi kien habib tal-imputat fejn kien jiffrekwenta ta' spiss il-Kunsill ta' Tas-Sliema qabel ma lahaq contracts manager. Huwa jixhed illi tefa l-offerta lill-Kunsill fl-ammont ta' EUR1,200 fix-xahar. Jispjega illi fix-xahar ta' Awwissu 2009 u cioe` qabel inghata dan il-kutratt, kien fl-ufficcju tal-imputat li kien is-Sindku dak iz-zmien, u dan tal-ahhar qallu "int kemm tista toffri, 10 jew 5%".

Buhagiar jispjega wkoll illi wara din il-proposta minghand Dimech huwa qallu dawn il-kliem "isma', inti jidhirlek li nista' naghti persentagg minn elf u mitejn euro fix-xahar?" Buhagiar jispjega li mbaghad id-diskors waqaf hemm u hu gie moghti eventwalment it-tender.

Wara diversi xhur, hu jghid li beda jinnota movimenti kontrih sakemm dan gie mnehhi permezz ta' mozzjoni tal-Kunsill ta' Tas-Sliema. Kien hemmhekk illi ddecieda li jiftah qalbu u jikxef dak li kien qallu l-imputat rigward il-commission u dan qalha lil Dr. Paul Borg Olivier dak iz-zmien Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista li l-imputat Nicky Dimech kien jappartjeni, li minn hemm informa lil Martin Bugelli, dak iz-zmien kien Direttur tal-Kunsilli Lokali.

Il-Qorti wara li semghet ix-xhieda tal-imputat u analizzatha bl-ghodda li provdielha l-legislatur u dan kif jipprovdi l-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** li xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Il-Qorti  ikkonfrontat ix-xhieda li ta l-imputat f'dawn il-proceduri max-xhieda tal-prosekuzzjoni l-aktar ma' dik tax-xhud principali li ghamel l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

**Analizi tax-xhieda  li ta Stephen Buhagiar**

Ix-xhud Stephen Buhagiar jixhed f'dawn il-proceduri ghall-ewwel darba fil-11 ta' Novembru, 2010[11].

Buhagiar jghid u jallega li l-imputat talbu senserija sabiex jinghata t-tender mill-Kunsill Lokali.  Jghid ukoll illi huwa ma hallas xejn lill-imputat u kien ghalhekk illi l-kuntratt twaqqaflu.

It-tender inghata lill-orhos offerent u dan kif huwa evidenti mis-schedule of prices[12].  Stephen Buhagiar kien l-orhos.

Irrizulta illi dan it-tender gie moghti b'decizjoni tal-kunsill li ttiehdet fil-laqgha tas-7 ta' Settembru, 2009[13].  Jirrizulta wkoll illi l-vot ghadda b'sitt voti favur u tlett astensjonijiet.  Hadd ma vvota kontra.

Sussegwentament, fil-laqgha tal-kunsill tas-17 ta' Marzu, 2010, il-kunsilliera iddibattew jekk Stephen Buhagiar kienx qed jippresta s-servizzi tieghu ghas-sodisfazzjon taghhom.

Jidher li dan ma kienx il-kaz u dan ghaliex mid-decizjoni tal-kunsill tas-17 ta' Marzu, 2010[14], jirrizulta b'mod car fin-nota immarkat 4.2 illi l-maggoranza tal-kunsillleria qalu li ma kinux sodisfatti bix-xoghol li kien

[11] a fol 91
[12] esebita a fol 162
[13] a fol 179
[14] minuti esebiti a fol 186

qed iwettaq Stephen Buhagiar u peress li kien taht probation iddecidew li jitterminawlu l-kuntratt.

Il-Qorti tifhem li kulhadd uman u fejn iwegga' jghid ajma u ma tiskantax li Buhagiar hassu aggravat u rrabjat b'din id-decizjoni. **U hawn huwa l-crux tal-kaz kollu**. Buhagiar jghid li huwa mar kixef lill-imputat talli kien talbu l-flus. Ghaliex dakinhar u mhux meta allegatament sehhet it-talba ghall-flus?

Il-Qorti tat kaz ta' dak li xehdet Sandra Camilleri[15], dak iz-zmien kunsilliera fil-kunsill ta' Tas-Sliema, li xehdet fis-27 ta' Frar, 2012 fejn spjegat illi kienet cemplet lil dan Buhagiar u staqsietu il-ghala kien qed jaghmel hekk:

> *"Difiza: U x'qallek*
>
> *Xhud: Qalli tlift ix-xoghol. Ghidtlu: allura ma nistghux noqghodu fuq mejda u niddiskutu, ghidtlu hemm bzonn taghmel dan. Qalli: **ghax irrid inpattijielu**".*

Mix-xhieda ta' Stephen Buhagiar, in kontro ezami[16], meta gie mistoqsi dwar certu diskors li kien indirizza lejn membri ohra tal-Kunsill bhal Yves Cali u Perit Martin Debono (it-tnejn li huma investigati wkoll dwar reati differenti u liberati[17]):

> *Difiza: Id-domanda li xtaqt nistaqsieh hija jekk meta sehh dan l-incident, fil-fatt il-kliem li huwa qal kien kliem fis-sens illi: issa tasal taghkom u dana b'konsegwenza tal-fatt illi vvutajtu favur t-terminazzjoni tal-kuntratt. Jigifieri ghandha kollha kemm hi*

[15] a fol 350
[16] a fol 344
[17] Il-**Pulizija vs Martin Debono et** deciza fis-26 ta' Settembru 2014 mill-Magistrat Audrey Demicoli

*x'taqsam mal-kuntratt u mal-ghoti tal-kuntratt. Dak li ghandi x'nistaqsieh. Nasheb illi m'hemmx ghalfejn nivverablizza ghax huwa evidenti li ghandha x'taqsam ma' dak li qeghdin nitkellmu fuqu.*

*Qorti:* *Smajtha d-domanda.*

*Xhud:* *Smajtha ehe.*

*Qorti:* *Kien hemm dak il-kliem.*

*Xhud:* *Iva ehe, kien hemm dak il-kliem ghax jiena f'mohhi kelli li nirrapurtah il-kaz. Dana kien jumejn wara li gie tterminat il-kuntratt tieghi sewwa?*

*Difiza:* *Mela ara hux taqbel mieghi illi dak inhar inti kont ghidt il-kliem li ghadejk kif spjegajt.*

*Xhud:* *Jimporta terga' tirrepetihom?*

*Difiza:* *Il-kliem issa tasal taghkom.*

*Xhud:* ***<u>You will regret it ghidtilhom jiena biss.</u>***

Illi l-argument li jrid isir f'dan l-istadju huwa x'kien l-obbligu tas-Sindku Nicholas Dimech fil-process tat-*tender* in kwistjoni u fil-mument li gie adgudikat it-*tender* f'dik il-laqgha tal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema. Dwar dan il-Qorti rat dak li jipprovdi l-**Att dwar il-Kunsilli Lokali**, Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta u l-legislazzjoni sussidjarja marbuta mal-istess Att. L-irwol tas-Sindku huwa wiehed li jara li l-procedura adegwata tigi osservata u li jara li t-*tender* jigi adgudikat b'mod korrett. Fil-fatt l-

offerta ta' Stephen Buhagiar kienet mhux biss l-aktar wahda rhisa, izda dan kien ukoll mar oltre' peress li kien ipprezenta wkoll skeda tax-xoghlijiet li l-ohrajn ma kinux ghamlu[18], tant illi wara din l-evalwazzjoni kien l-istess Buhagiar li rebah it-*tender* kif fil-fatt hien haqqu.[19]

Mela allura jirrizulta illi f'dan il-kaz tal-ghoti tat-*tender* lil Stephen Buhagiar, l-imputat Nicholas Dimech ghamel dak li kien fid-dmir li jaghmel u cioe` li jara li l-process tat-tender kien segwa l-proceduri stabbiliti, li jkun prezenti fis-seduta tal-ghoti tat-tender nhar is-7 ta' Settembru 2009[20], li jissorvelja l-andament tal-laqgha li kollox imur skont il-procedura u li effettivament it-*tender* jinghata lill-offerta l-aktar vantagguza. Fil-fatt din l-offerta ta' Buhagiar giet approvata b'sitt voti favur u tliet astensjonijiet bl-unika kontestazzjoni kienet li Stephen Buhagiar huwa mis-Swieqi mentri kontestant iehor kien minn Tas-Sliema stess ghalkemm kellu offerta aktar gholja.

Fil-kaz ta' Sindku ta' Kunsill Lokali f'dik ic-cirkostanza tal-ghoti ta' *tender*, m'hemmx wisq diskrezzjoni x'tezercita u f'dak il-kaz l-imputat effettivament ghamel dak li fid-dmir kellu jaghmel u l-Kunsill Lokali li hu kien imexxi ta it-*tender* lil min kien haqqu. Kien ikun differenti kieku t-tender gie moghti lill-persuna li ma kienx haqqa u dan minhabba li kien hemm il-korruzzjoni.

---

[18] Dok SC 4 a fol 165
[19] Dok SC3 a fol 163
[20] Dok SC 9 a fol 179

**<u>Konflitt fil-provi</u>**

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"[21].

Huwa minnu li skont l-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet '**<u>Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada</u>**' datata l-ħmistax (15) ta'Mejju, tas-sena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi '*L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu nekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci*'.

[21] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957 diga' saret referenza minnha aktar 'il fuq.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Skont l-awtur Blackstone fil-ktieb "**Criminal Procedure**" (2001 para. D 22.15 pagna 1622) jiddefenixxi kif decizjoni tkun **unsafe or unsatisfactory**:

> *"......... means that in cases of this kind, the Court must in the end ask itself a subjective question whether we are content to let the matter stand as it is or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence, as it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the Court experiences it."*

Dan gie spjegat ukoll mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**" [1.12.1994] fejn intqal:

> *"fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti w f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti, tara jekk, anki jekk kien hemm verzjonijiet kontradditorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx illiberament u senament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u jekk tali verzjoni setghet tigi emnuta w evidentement giet emnuta l-funzjoni anzi d-dover ta' din il-Qorti hu li tirrispetta dik id-deskrizzjoni w dak*

*l-apprezzament. Ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina b'mod profond li l-provi kollha migjuba w migbura w in partikolari t-traskrizzjonijiet tax-xhieda w l-istqarrija illi l-appellant ghamel mal-Pulizija jwasslu ghal dik il-konkluzzjoni. Fi kliem iehor, il-kaz mhux wiehed azzardat legalment u kontra kull principju legali li wiehed jasal ghal konkluzzjoni ta' rejeta', imma hu kaz fejn l-appellant jista' ma jitwemminx f'dak li qal u l-Ewwel Qorti setghet ghalhekk legittimament u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet fuq il-provi*[22].

Din il-Qorti wara analizi tal-provi kollha tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skond il-ligi fuq din l-imputazzjoni.

**Il-Qorti ma tistax ikollha l-konvinzjoni morali li l-imputat huwa hati ta' dak li qed jigi addebitat lilu f'din l-imputazzjoni.**

**<u>It-tieni akkuza</u>**
**<u>Artikolu 95</u>**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati

[22] Ara wkoll : **Pulizija vs Wahid Elawami** Qorti tal-Appell Inferjuri 1.09.2004

biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi *Cheveau et Helie,* li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

> "Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."

Illi a rigward it-tieni akkuza u cioe` tal-ingurja kontra ufficcjal pubbliku taht l-Artikolu 95 (1) tal-Kap 9, il-Qorti rat ix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa` u l-kopja tal-artikolu tal-gurnal **Malta Today**[23] u tas-**Sunday Times**[24] tal-process u tinnota li l-allegazzjonijiet hemm kontenuti li kienu maghmulin mill-istess imputat, huma allegazzjonijiet serji u seta' facilment tefa' dell ikrah fuq il-professjonalita` tal-ufficcjal prosekutur ta' dak iz-zmien jew tal-korp tal-pulizija in generali, liema allegazzjonijiet

[23] a fol. 80
[24] a fol 82

regghu saru quddiem din il-Qorti waqt li l-imputat ta x-xhieda tieghu, certament ma jinkwadrax fl-ambitu tal-Artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kien ikun aktar ghaqli li l-prosekutur mexxa dwar dan skont il-Ligi tal-Istampa ta' dak iz-zmien ghaliex illum il-libell kriminali tnehha mil-ligijiet taghna bl-Att XI.2018.25.

Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija fuq din it-tieni akkuza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat Nicholas Dimech hati u tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**